# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | DIĊEMBRU 1942

## SENA OĦRA

GĦADDIET sena oħra, sena ta' twegħir, ta' taħbit u ta' tbatija, fiha rajna minn kollox ; tiġrib, mewt u għaks; fiha l-ħajja tagħna ħadet xejra oħra, xejra li qatt ma konna nistennewha u li qatt ma bsarnieha. Issa drajna ngħixu fil-periklu u nimxu għad-dell tal-mewt. F'din is-sena rajna bosta taqlib, intemmu ħafna ħwejjeġ u nqerdet kemm-il-drawwa; ħafna għaqdiet tilfu l-ħeġġa li kellhom u bosta xirkiet spiċċaw fix-xejn, iżda l-Għaqda tagħna baqgħet miexja 'l quddiem u bla ftaħir, bla għaġeb u bla nfiħ qdiet id-dmir tagħha u wettqet il-għan li għalih kienet twaqqfet.

Aktar lura f'artiklu tas-Segretarju taqraw fuq il-ħidma li l-għaqda baqgħet twettaq ukoll f'din il-gwerra ħarxa li għaddejjin minnha u aħna nħossuna mkabbrin li messitna x-xorti li mmexxu l-Għaqda fi żmenijiet ta' twegħir u ta' storja li għaddejjin minn fuqna bħalissa; bi ħsiebna nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex il-Għaqda ma tonqosx mill-idijal li għalih kienet maħluqa u l-fehma tagħna hi li bla nkejja u bla tagħjir naqbżu kull meta jkun meħtieġ għall-ġid tal-Isien Malti.

Il-Maltin tal-lum urew lid-dinja r-rieda qawwija tagħhom u d-dinja kollha stagħġbet bihom u faħħrithom. Mitt sena oħra din is-sena li għaddiet minn fuqna għad tinkiteb b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' Malta u l-Maltin ta' dak iż-żmien iħossu ruħhom kburin bil-għemil tan-

nies li qegħdin igħixu l-lum. Ix-xewqa tagħna bħala Membri tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tal-lum hija li dawk li għad jiġu warajna jkollhom biex jiftaħru bil-għemil tagħna u jbirkuna għax fost dan it-tiġrib kollu żammejna l-Għaqda ħajja u ħarkiena.

Bil-għajnuna t'Alla u mseddqin minn sħabna l-Membri kollha tal-Għaqda nittamaw li l-ħidma tagħna ma tonqosx, iżda toktor u tiżdied fiż-żminijiet li resqin u hekk isem il-Għaqda jikseb aktar ġieħ u jibqa' miġjub u miqjum kif jixraqlu.